(3) Il-klawżola 5 tad-Direttiva 1999/70/KE tipprekludi li terz, f'dan il-każ il-persuna li tirrikorri għas-servizzi tal-ħaddiem, jinżamm responsabbli għall-konsegwenzi tal-abbuż?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tartu Ringkonnakohus (Ir-Repubblika tal-Estonja) fil-11 ta' Ġunju 2012 — Ragn-Sells AS vs Sillamäe Linnavalitsus

**(Kawża C-292/12)**

(2012/C 243/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

### Qorti tar-rinviju

Tartu Ringkonnakohus

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Ragn-Sells AS

*Konvenuta:* Sillamäe Linnavalitsus

### Domandi preliminari

(a) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 106(1) u l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma jipprekludux Stat Membru milli jawtorizza, f'territorju speċifiku, id-dritt esklużiv li jittratta l-iskart muniċipali jkun, bi ħlas, mogħti lil impriża li topera ċentru ta' ġestjoni tal-iskart speċifiku, meta jkun hemm diversi kumpanniji kompetitriċi li jeżerċitaw l-attività tagħhom f'raġġ ta' 260 km u li għandhom diversi ċentri tal-ġestjoni tal-iskart tal-ambjent li jissodisfaw ir-rekwiżiti u li jużaw teknoloġiji ekwivalenti?

(b) L-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lil Stat Membru milli jikkunsidra l-ġbir jew it-trasport tal-iskart, minn naħa, u l-proċessar tal-iskart, min-naħa l-oħra, bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, filwaqt li jissepara dawn is-servizzi minn xulxin, u b'hekk tiġi ristretta l-kompetizzjoni ħielsa tas-suq tal-ġestjoni tal-iskart?

(c) Tista' tiġi eskluża l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar id-dritt tal-kompetizzjoni fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fi proċedura ta' għoti għal konċessjoni tas-servizz ta' ġbir u ta' trasport tal-iskart, li tipprovdi li, fuq it-territorju definit mill-kuntratt ta' konċessjoni, id-dritt esklużiv li jiġi pproċessat l-iskart jingħata lil żewġ kumpanniji?

(d) L-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2008/98/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista', billi jibbaża ruħu fuq il-prinċipju ta' prossimità, jirrestrinġi l-kompetizzjoni u jippermetti d-dritt esklużiv li jiġi pproċessat l-iskart ikun, bi ħlas, mogħti lill-kumpannija li topera ċentru ta' ġestjoni tal-iskart li huwa l-eqreb għat-territorju li jiġġenera l-iskart, meta jkun hemm diversi kumpanniji kompetitriċi li jeżerċitaw l-attività tagħhom f'raġġ ta' 260 km u li għandhom diversi ċentri ta' ġestjoni tal-iskart tal-ambjent li jissodisfaw ir-rekwiżiti u li jużaw teknoloġiji ekwivalenti?

([1]) Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

## Appell ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2012 minn Telefónica S.A. u Telefónica de España, S.A.U. kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-336/07, Telefónica y Telefónica de España vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-295/12 P)**

(2012/C 243/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Appellanti:* Telefónica S.A. u Telefónica de España, S.A.U. (rappreżentanti: F. González Díaz u J. Baño Fos, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, France Telecom España, S.A., Asociación de Usuarios de Servicios Bancarios (Ausbanc Consumo) u European Competitive Telecommunications Association

### Talbiet tal-appellanti

— ***Prinċiplament***

tannulla, totalment jew parzjalment, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-336/07, Telefónica S.A. u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni;

abbażi tal-elementi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, tannulla, totalment jew parzjalment, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Lulju 2007 fil-Każ COMP/38.784 — Wanadoo España vs Telefónica;

tannulla jew tnaqqas il-multa skont l-Artikolu 261 TFUE;

tannulla jew tnaqqas il-multa minħabba d-dewmien mhux ġustifikat tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali; u

tikkundanna lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-intervenjenti għall-ispejjeż kemm ta' dawn il-proċeduri kif ukoll dawk quddiem il-Qorti Ġenerali.

— ***Sussidjarjament, jekk l-istat tal-proċeduri ma jippermettix dan***

tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fid-dawl tal-kwistjonijiet ta' dritt deċiżi mill-Qorti Ġenerali;

tannulla jew tnaqqas il-multa skont l-Artikolu 261 TFUE; u

tikkundanna lill-Kummissjoni kif ukoll lill-intervenjenti għall-ispejjez kemm ta' dawn il-proċedimenti kif ukoll dawk quddiem il-Qorti Ġenerali.

— ***Fi kwalunkwe każ***

tawtorizza, skont l-Artikolu 15 TFUE, l-aċċess għat-traskrizzjoni litterali jew ir-reġistrazzjoni tas-seduta li nżammet quddiem il-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Mejju 2011, kif ukoll li tinżamm seduta.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Qorti Ġenerali wettqet:

Ksur tad-drittijiet ta' difiża ta' Telefónica, minħabba:

— d-dewmien sproporzjonat tal-proċeduri.

— li ċaħdet allegazzjonijiet sostnuti mill-annessi.

— li ċaħdet allegazzjoniet fir-rigward tan-natura mhux indispensabbli tal-konnessjonijiet bħala fatt relevanti fid-determinazzjoni tal-effetti tal-aġir ta' Telefónica.

— li laqgħet fatti ġodda li ma jinsabux fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

Żball ta' liġi fid-definizzjoni tas-swieq bl-ingrossa inkwistjoni.

Żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-allegata pożizzjoni dominanti ta' Telefónica.

Żball ta' liġi u ksur tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani billi ppermettiet interferenza fid-dritt ta' proprjetà ta' Telefónica fuq konnessjoni mhux indispensabbli.

Żball ta' liġi u żnaturament manifest tal-fatti fl-evalwazzjoni tal-abbuż u l-allegati effetti tagħha fuq il-kompetizzjoni fir-rigward ta':

— l-għażla tal-konnessjonijiet bl-ingrossa.

— l-analiżi tal-flussi finanzjarji attwalizzati.

— l-analiżi perijodu b'perijodu.

— l-effetti probabbli jew konkreti tal-aġir.

Żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni *ultra vires* tad-dritt mill-Kummissjoni u l-ksur tal-prinċipji ta' sussidjarjetà, ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali, ta' kooperazzjoni leali u ta' amministrazzjoni tajba.

Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali fid-definizzjoni tar-rata legali u żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tan-natura intenzjonali jew negliġenti tal-aġir ta' Telefónica.

Żball ta' liġi u żnaturament manifest tal-fatti fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, *inter alia*, meta

— kkwalifikat l-aġir bħala ksur gravi ħafna;

— evalwat il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' proporzjonalità u ta' individwalizzazzjoni tal-pieni; u

— ma osservatx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

Ksur tal-Artikolu 229 TKE (li sar l-Artikolu 261 TFUE).